MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 473/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Carmela Spiteri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmela Spiteri ta' 38 sena bint Maryrose Spiteri nee Spiteri, imwieleda l-Pieta' fl-24 ta' Diċembru 1966 u residenti 116 Flat 2 Triq id-Dejqa, Valletta detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 13467 (M)

Akkużat talli f'awn il-Gżejejr fil-11 ta' Novembru 2004 u fil-jiem ta' qabel

(a) forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) kellha fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu tagħha;

(c) forniet jew pprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma

kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellha licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) kellha fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha għall-użu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) kellha fil-pussess tagħha r-raża meħuda mill-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8 (a) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(f) Ukoll talli saret reċidiva skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalebt ukoll sabeix f'każ ta' sejbine ta' ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għal dawk li huma spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Novembru 2004, iċ-ċertifikat ta-twelid tal-imputat li jġib in-numru 134 tas-sena 1967, il-fedina penali tal-imputat (fol 11 et), l-istqarrija tal-imputata, il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Silvio Meli (fol 93).ilp-konferma tal-ħatriet tal-esperti magħmula matul l-inkjesta (fol 166), il-ħatra tal-espert Jeffrey Hugehs sabiex jeleva l-finger prints minn fuq l-oġġetti (fol 166), il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr Padovani Grima intitolat 'Sejba ta' drogi ġo Our Cottage, Triq il-Kungress Marjan, Marsa (fol 169), il-ħatra tal-ispiżjar Mario Mifsud sabiex jeżamina s-sustanza ppreżentata fit-8 ta' Lulju 2005 (fol 254), is-senenza fl-ismijiet Il-Pulizija versus Carmela Spiteri (fol 274), it-tieni relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud (fol 285), u l-proces verbal 'Xhieda ġuramentata ta' Jonathan Triganza' kif redatt mill-Maġistrat Dr Jacqueline Padovani (fol 289).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Ikkonsidrat

Fil-11 ta' Novembru 2004, il-Pulizija kienet qed tagħmel xi osservazzjonijiet fil-Hamrun meta rat raġel javviċina lill-imputata, jieħu xi ħaġa f'idejh minn għand l-imputata waqt li hu ta l-flus. Il-Pulizija waqqfu lil din il-persuna, saret tfittxija fuqu u nstabu nofs gramam kokaian kif ukoll sachet bl-eroina. Din il-persuan kkonfermat li kienet għadha kif xtrat id-droga minn għand l-imputata.

Imbagħad il-Pulizija waqqfu lill-imputata, saret tfittxija fuqha li rriżultat fin-negattiv ħlief għal żewġ sachets tal-plastik li nstabu fil-karozza tal-imputata li kien jdiher li kien hemm xi traċċi ta' trab ġo fihom iżda droga per se ma nstabtix.

Il-Pulizija fitxew ukoll f'post ġewwa l-Marsa u ġewwa sabu tliet persuni. PC 365 Malcolm Girxti barra sab container

iswed li ġewwa kien fih diversi corners tal-plastic li fihom kien hemm sustanza bajda suspettata kokaina u biċċa suspettata reżina tal-cannabis. Fil-kamra tas-sodda nistab corner tal-plastik li fih kien hemm ukoll trab abjad simili għal dak li nstab barra. It-tliet persuni kkonfermaw li l-plastic container kien ġo basket tal-plastik abjad fuq il-mejda u li dan kien tal-imputata. (fol 31) Kienet Charlene Pace li rmiet il-container barra mit-tieqa meta ndunaw li kien hemm il-Pulizija fil-qrib. (fol 32). Fuq il-persuna tal-imputata nstabu Lm64 li minnhom Lm4 ngħataw lill-imputata biex tixtri l-bżonnijiet. Instabu wkoll xi lubretti fil-karozza tal-imputata.

**L-Istqarrija tal-Imputata**

Fl-istqarrija tagħha l-imputata ma weġbitx għal ħafna mill-mistoqsijiet. Prattikament tant biss in-numru tal-mobile Samsung tagħha 793241491

**Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni**

Silvana Bugeja (fol 35)kkonfermat li meta kienu ndunaw li l-imputata kienet imdawra mill-Pulizija kienu qabdu l-basket tal-imputata li kien hemm fuq il-mejda u wara li ħarġu l-affarijiet li kien hemm ġo fih ħelsu minnu. Pulizija daħal bil-bott li kien intrema barra (fol 41). L-imputata kienet użat mobile blu.

A fol 131, l-istess Silvana Bugeja kkonfermat l-istqarrija li kienet għamlet quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Mill-istqarrija ġuramentata joħroġ li l-basket tal-plastik kien tal-imputata u kif meta ndunaw bil-Pulizija hi qabdet li sabet fil-basket u għaddietu lil Charlene Pace.

WPC 89 Mariella Spiteri xehdet li l-imputata bdiet tgħidilha li jekk isibu xi ħaġa fil-flat ma jibdewx jgħidu li kienet tagħha.

Anne Marie Zarb xehdet li f'dak il-jum l-imputata kienet ħarġet weħidha bil-karozza. Meta waslu l-Pulizija wieħed minnhom kien tela' b'bott iswed żgħir tal-films. Iol-basket li kien hemm fuq il-mejda kien tal-imputata.

WPS 45 Marisa Bartolo xehdet li kienet rat persuna jikkunsinan flus lill-imputata. Kienet segwiet lil din il-persuna u fuqha nstabu sustanzi suspettati droga. Minn ġol-karozza tal-imputata kienet elevat biċċa ta, borża u żewġ karti tar-riżla. Fil-post tal-Marsa nstabu tliet nisa u lil Charlene staqsietha x'kienet ramiet iżda PC 365 malajr ġie lura b'container tal-films. Taħt is-sodda instebt kantuniera tal-plastik bi trab abjad. Charlene kienet qaltilha li tassew li kienet hi (Charlene) li rmiet il-bott iżda dan il-bott kien tal-imputata. It-tliet nisa kienu qalu li l-basket kien tal-imputata.

WPC 119 Cynthia Camilleri kkonfermat li l-imputata lanqas biss ma riedet turihom fejn kienet toqgħod u meta waslu quddiem il-bieb ma riditx tieqaf. Din ix-xhud ikkonfermat ukoll in-numru tal-karozza bħala LAL 901.

PC 365 Malcolm Grixti kkonferma d-dettalji mogħtija mix-xhieda l-oħra tal-Prosekuzzjoni. Dan reġa' ttella' jixhed fis-6 ta' Lulju 2009. Din id-darba xehed fuq ir-ritratti li kienu ppreżentati qabel u kkonferma ritratti dwar il-container l-iswed li kien instab mal-art. (fol 297). Kienet is-surġenta li bagħtitu jiċċekkja barra wara li semgħet xi ċekċika.

Xehed ukoll PC 451 Bugeja li qal li huma kienu waqqfu l-persuna li kienet għamlet kuntatt mal-imputata u kienu sabu sustanza suspettuża (fol 148). Dan qal li kien xtara nofs gramma coke u pakkett smack tal-Lm10. Dawn kien xtrahom minn għand l-imputata(Ara fol 148). Ix-xhud kompla jgħid li meta waslu fil-fond fi Triq il-Kungress Marjan kienu raw lil Charlene Pace ġejja mill-gallerija li kienet fil-kamra tas-sodda. Iżda meta pulizija ieħor (PC 365) mar ifittex taħt il-gallarija huwa sab bott tal-films.Taħt is-sodda kien sab pakkett bi trab abjad. Kien allegat li s-sustanza kienet tal-imputata. Huma kienu sabu

wkoll żewġ mobiles – Nokia u Samsung - li kienu tal-imputata.

Xehdet ukoll Charlene Pace li kkonfermat l-istqarrija ġuramentata tagħha. Ikkonfermat li kienet rat li Silvana ddaħħal idha f'basket tal-plastik abjad, l-istess basket li ntweriet waqt l-interrogazzjoni, u minnu ħarġet bott iswed. Dan għaddietu lilha li ramietu mill-gallerija. (fol 104). Fil-bott kienet rat boroż bi trab abjad. Hi kienet indunat li s-sustanza kienet droga iżda ma kenitx taf x'tip hi. Hija kienet ramiet il-bott għax indunat li fih kien hemm id-droga. Il-basket minn fejn itieħed il-bott huwa tal-imputata. Il-pakkett tal-plastik li nstab ħdejn is-sodda kien waqagħlha meta fetħet il-bott. Quddiem il-Qorti ddeskriviet il-basket bħala abjad u qalet li dan kien tal-imputata. Lill-imputata kienet ratha ġejja bih. (fol 161).

Fil-kontro-eżami hija qalet li rat lil Silvana ġejja bil-bott u meta kienet mistoqsija jekk ratx lil Silvana l-ewwel darba li kellha l-bott f'idejha hija wieġbet:

'Ehe. Rajtha tgħaddih minn fejn il-basket.

Wara din ix-xhud ikkonfermaw ir-relazzjoni taħghom PS Arthur Debattista u PS 239 Joseph Caruana (ara ritratti a fol 183),

**Xhieda forensika**

Mid-dokuemnt 892/04/02 (Bott tal-films kontenenti sustanza kannella u 9 boroż żgħar trab abjad u borża b'ħames boroż) u fid-dokument 892/04/021 et, kien hemm ammont nett totali ta' 3.943 grammi kokaina b'purita' ta' 40%. (fol 196).

Barra dan instab ammont nett totali ta' 1.346 grammi THC. (fol 195).

Fit-tieni relazzjoni (fol 224 et) l-espert iddikjara li nstabutraċċi ta' kokaina.

L-ex Spettur Nadya lanzon ippreżentat il-vettura LAL 091 formalment. (fol 239).

PS 659 Jeffrey Hughes xehed li l-eżamijiet li għamel għall-impronti diġitali taw riżultat negattiv. (fol 248).

L-ex-Spettur Nadya Lanzon ippreżentat is-sustanza misjuba fuq il-persuan ta' Jonathan Triganza li kien osservat javviċina lill-imputata.

**It-Tieni Relazzjoni Forensika**

L-Ispiżjar Mario Mifsud xehed dwar ir-relazzjoni tiegħu li fiha stabilixxa

*'a) Li l-borża żgħira tal-plastik li ġo fiha kien hemm it-trab abjad li kient fil-każ 722/05 kienet simili għall-boroż żgħar tal-plastik, li ġo fihom kein hemm it-trab abjad li kienu fil-każ 892/04;*

*b) Li l-piż tat-trab abjad li kien hemm fil-borża tal-plastik 722/05, li kien 0.171 grammi, kien simili għall-piż tat-trab abjad li kien hemm f'erba' boroż żgħar tal-plastik li kien hemm fil-każ 892/04 (0.171 +/- 1%)*

*ċ) Li l-purita' tat-trab abjad għas-sustanza kokaian li kien hemm ifl-każ 722/05 kienet ta' circa 35.6% waqt li l-medja tal-purita' tat-trab abjad għas-sustanza kokaina li kien hemm fil-każ 892/04 kienet ta' circa 40%;*

*d) Li kien hemm similarita' fil-profil kimiku bejn it-rab abjad li kien fih is-sustanza kokaina li kein hemm fil-każ 722/05 mal-profil kimiku tt-trab abjad, li wkoll kien fih is-sustanza kokaina li kien hemm fil-15-il borża tal-palstik żgħar u li kienu fil-każ 892/04'.*

Fl-aħħarnett xehed Jonathan Triganza (20 ta' Novembru 2009). Huwa qal li l-Pulizija kienu qbaduh filfatt meta kein qed jixtri d-droga kokaina u d-droga smack. Dan kien sar fil-Hamrun meta huwa kien qed jixtri minn għand l-imputata. (fol 303).Dak in-nhar ix-xhud kein xtara Lm10 eroina u Lm20 coke. Huwa kien xtara minn għandha xi

tlieta jew erba' darbiet qabel. Huwa kien jiltaqa' mal-imputata ħdejn il-Mile End jew il-kiosk tal-Hamrun. Kienet taqdieh l-imputata.

Dan ix-xhud ikkonferma wkoll ix-xhieda li kien ta quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Fosthom huwa kkonferma wkoll ir-ritratt li kienu urewh il-Pulizija u li fih kien għaraf lill-imputata bħala s-supplier tiegħu. Meta arrestawh, fuqu kienu sabulu coke u smack. (fol 307).

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-imputazzjonijiet ewlenin kontra l-imputata huma traffikar tal-kokaina u t-traffikar tal-eroina.

Il-Qorti qieset ix-xhieda ta' Jonathan Triganza, l-analiżi komparattiva li għamel l-espert bejn id-droga misjuba fuq Jonathan Triganza u dik li nstabet fil-fond ġewwa l-Marsa, l-azzjoni spedittiva tal-Pulizija li nterċettat lill-istess Jonathan Triganza wara ftit li l-istess Pulizija kienet ratu javviċina lill-imputata, jagħtiha l-flus u jieħu xi ħaġa lura.

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ippruvat l-ewwel u t-tielet imputazzjoni 'l hemm minn kwalunkwe dubju. Mhux biss hemm il-provi forensiċi, iżda hemm xhieda okulari li raw kif seħħew l-affarijiet, kif ukoll x-xhieda ta' min xtara d-droga li meta deher quddiem il-Qorti kif preseduta ta verżjoni attendibbli ta' kif seħħu l-ġrajjiet dak in-nhar.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputata ħatja tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' kokaina. Bla dubju ta' xejn il-bott li nġabar minn barra kien tal-imputata. Il-Qorti rat lil min kien fil-fond jixhed u hija persważissima lid an il-bott kien tagħha. Il-prova forensika hija ċara b'erbatax-il borża u t-tqassim tal-kokaina misjuba. Il-kwantita' u t-tqassim huma prova ċara ta' pussess aggravat jew pussess b'intenzjoni ta' spaċċjar. Kollox lest kemm wieħed ibiegħ.

Il-pussess tal-eroina kien ippruvat meta l-imputata għaddiet l-eroina lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni.

Il-pussess tar-raża meħuda mill-cannabis tirriżulta wkoll mill-analiżi forensika u din is-sustanza wkoll kienet marbuta ma' oġġetti li jappartjenu lill-imputata.

Għalhekk il-Prosekuzzjoni ppruvat ir-raba' u l-ħames imputazzjoni.

L-addebitu tar-reċidiva kien ippruvat bil-preżentazzjoni tas-sentenza ta' priġunerija kontra l-imputata u bl-identifikazzjoni tal-istess imputata mill-Uffiċjal Prosekutur.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 8(a), 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101 issib lill-imputata ħatja tal-imptuazzjonijiet kollha dedotti kontra tagħha (inkluż l-addebitu tar-reċidiva) bir-raba' imputazzjoni assorbita fit-tielet imputazzjoni ai fini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u qed tikkundannaha għal piena ta' priġunerija ta' għoxrin xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €1800. Il-multa tista' titħallas b'pagamenti ta' 100 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk ma tħallasx xi pagament il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk ma titħallasx xi parti minn din il-multa din għandha tinbidel skond il-liġi b'dan pero' li qatt ma'għandhom jinqabżu l-154 jum ta' priġunerija jew ammont inqas ta' jiem skond kemm tkun tħallset mill-multa.

Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 l-Qorti qed tordna lill-imputata tħallas dawk l-ispejjeż biss li saru matul il-proċeduri iżda mhux fl-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar 2006. Dawn għandhom fi żmien xahar mil-lum u fin-nuqqas ta' ħlas dawn jinbidlu fi priġunerija skond il-Liġi.

Fl-aħħarnett, il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------